

# Abram Gatt (1863-1944) Skultur, Pittur u Disinjatur

**Mill-Kan. Prep. Joseph Bonello**

Abram Gatt twieled f'Bormla fl-4 ta' Ottubru 1863; il-ġenituri tiegħu kienu Ġużeppi Gatt u Reġina Cassar. Huwa tgħammed fil-Parroċċa ta' Bormla u tawh l-ismijiet ta' Laurentius, Abraham u Dominicus. Il-parrini kienu Antonius Gatt minn Bormla u Tereża Cassar mill-Isla. Minn dan jirriżulta, li għalkemm huwa magħruf bħala Abram, l-ewwel isem tiegħu fil-Magħmudija kien Lorenzo.[1]

L-ewwel studju tiegħu kien fl-Iskola Teknika ta' Bormla, li f'dak iż-żmien kienet immexxija mill-bravu u magħruf pittur Lazzaro Pisani.[2] Abram tant mexa 'il quddiem fl-istudju li kemm-il darba ġie ppremjat mis-surmast tiegħu. Għamel xi studju wkoll għand l-artist Senglean Carlo Darmanin, fejn mill-ewwel għamel progress kbir, tant li l-ewwel disinji jagħtu xhieda tal-kapaċità tiegħu.[3]

Kien nisrani prattikanti u devot kbir tal-Madonna. Kien ta' karattru kwiet u umli li qatt ma fittex unuri u ftaħir. Meta kien jaħdem it-Tarzna ġibed lejh is-simpatija ta' kulħadd, l-iktar tas-superjuri tiegħu. Hu kien ukoll ċajtier ħafna u nsibu diversi stejjer ħelwin dwaru: ta' min isemmi dik meta nsibu li għamel "lira tad-deheb" fl-injam, li meta fl-1921 ġie l-Prinċep ta' Wales fit-Tarzna, l-Ammirall Ingliż ried jagħtih memorja. Qabbdu lil Abram biex jagħmel lira ta' l-injam imitazzjoni ta' lira tad-deheb. Abram tant għamilha eżatt li meta l-Prinċep staqsewh liema hija l-vera, l-prinċep qabad il-lira li kien għamel Abram. Tant kienet eżatta li saħansitra għall-piż kien ħaseb Abram.[4]


ATTARD'S GARAGE
( GRANCU )
Cars for Hire and Self Drive
MOTORING SCHOOL
124/125, Bajjada Street, and
17, Triq G. Agius Muscat Zabbar
826578 / 802688

**Miet f'Ħaż Żebbuġ**

Bormla fil-gwerra tfarrket kważi kollha. Fost id-djar li ġġarru kien hemm dik ta' Abram fi triq l-Oratorju, fejn intradmu ħafna disinji u pitturi li kellu dan l-artist. Fost ix-xogħlijiet li nstabu qalb il-ġebel kien hemm id-disinn tan-niċċa l-qadima tal-Kunċizzjoni, li llum jinsab f'dar privata.[5]

Minħabba l-periklu tal-gwerra, Abram mar Ħaż-Żebbuġ fejn miet fl-20 ta' Marzu 1944. Skond il-Liber Defunctorum tal-Parroċċa ta' Bormla (Vol. XVI) Abram miet fi triq San Ġużepp Ħaż-Żebbuġ, u l-kadavru tiegħu ttieħed fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, fejn indifen fil-qabar tal-Fratellanza tal-Kurċifiss ta' Bormla.[6]

B'rispett il-Kapitlu ta' Bormla ħa sehem fil-Quddiesa (presente cadavere) u assista wkoll għad-difna tiegħu. Il-qniepen tal-parroċċa ta' Bormla daqqew waqt il-funeral tiegħu. Ġiet eretta fundazzjoni ta' quddiesa għal ruħu bħala radd il-ħajr tax-xogħol (gratis) li Abram għamel għall-parroċċa ta' Bormla.[7]



*Abram Gatt (1863-1944).*

**Il-Kunċizzjoni ta' Bormla**

L-istatwa tal-Kunċizzjoni ta' Bormla, maħduma fl-injam tal-ħarrub u twila madwar 1.63m, hija attribwita lis-Soru Marija De Domenico (jew Dedomenicis), allieva ta' Mattia Preti. Iżda qabel il-festa ta' l-Inkurunazzjoni li saret f'Bormla fis-sena 1905, din l-istatwa ġiet irranġata u restawrata mill-artist Abram Gatt, li neħħa l-puttini (anġli żgħar) minn taħt il-mant, biddel il-forma tal-libsa u neħħa l-qamar kbir li kellha. Wara li saru dawn it-tibdiliet skulturali, inksiet bil-fidda mid-'DITTA ANTONIO GHEZZI & FIGLI' ta' Milan; kollox fuq id-disinn u l-mudelli li għamel Abram. B'dan il-mod l-Istatwa tbiddlet għal kollox u għalhekk nistgħu ngħidu li l-Kunċizzjoni ta' Bormla hija ta' Abram Gatt.[8]

Il-famuż pedestall, disinn ukoll ta' Abram, tlesta fl-1924. Il-kuruna tal-mant u l-erba' gastri li jitqiegħdu mal-vara huma wkoll ta' dan l-artist Bormliż.[9]

L-istatwa tal-Kunċizzjoni meta ġiet minn Milan, wara li nksiet bil-fidda, tqiegħdet fil-portiku tal-Knisja ta' Santa Margerita, minn fejn twasslet sal-Parroċċa b'dimostrazzjoni kbira. Għal din l-okkażjoni kien hemm preżenti Abram fejn kulħadd beda jagħtih il-"Prosit".[10]

**Sant'Andrija ta' Ħal Luqa**

L-Istatwa ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa ġiet ukoll restawrata mill-imsemmi skultur Gatt, fis-sena 1913, meta kien Kappillan ta' dak ir-raħal il-Bormliż Dun Anton Vella. Abram u l-Kappillan kienu ħbieb intimi.



▲ L-istatwa fil-portika ta' S. Margerita wara li nksiet bil-fidda. Il-banda tidher quddiem il-Kunċizzjoni - 1905.



◄ L-Istatwa devota tal-Kunċizzjoni llum.




# DORLIN WOODWORK

*Għal xogħol ta' aperturi, ħnejjiet eċċ.*

**Triq is-Sebħ, Qormi. Tel: 497788**

Hekk jikkummenta Dun Ġużepp Micallef fil-ktieb tiegħu "Ħal-Luqa". "Il-Ħadd, it-23 ta' Novembru 1913, ġemgħa rġiel u żgħażagħ Ħalluqin telgħu bil-mixi lejn il-Belt biex iġibu l-Istatwa ta' Sant'Andrija restawrata u indurata. Għal xit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar dehru ġejjin lura bl-istatwa mgħobbija fuq spallejhom. Il-Ħalluqin bi ħġarhom kienu qed jistennewhom fit-tarf tar-raħal. Hekk kif raw x'dehra sabiħa rnexxielu jagħtiha l-iskultura Bormliż Abram Gatt, li kien hemm preżenti f'din l-okkażjoni, il-folla nfexxet f'ċapċip kbir".[11] Il-gazzetta "Is-Salib" tat-13 ta' Diċembru 1913 wara faħħret ħafna l-istatwa restawrata ta' Sant'Andrija spiċċat bil-kliem "għandna l-pjaċir li ngħidu li ftit għandna bħalha f'Malta".[12]

F'dik is-sena saru f'Ħal Luqa fuq id-disinn ta' Abram Gatt il-Bankun u l-Bradella, xogħol ta' Luqa Grixti.

Ta' min igħid ukoll li l-Istatwa famuża ta' San Publiju tal-Floriana, li hija attribwita lil Vicenzo Dimech ġiet irranġata u rrestawrata mill-istess skultur Gatt.

**Opri tiegħu f'Bormla**

L-aqwa xogħol tiegħu bħala skultur hija l-istatwa ta' San Ġużepp ta' Bormla li saret fl-1903.[13] Qatt ma nixba' nħares lejh. Tassew statwa sabiħa u artistika. San Ġużepp iżomm il-Bambin, taħsibhom personaġġi ħajjin. Meta ħaduh fuq il-fosos tal-Furjana għall-festa ta' l-ewwel ta' Mejju, ħafna ma ridux jemmnu li huwa skolpit fl-injam; tant huwa mirqum. Din l-istatwa ġiet misruqa mill-affarijiet prezzjużi li kellha fil-lejl bejn it-18 u d-19 ta' Diċembru 1980, iżda, għalkemm il-ħallelin ma nqabdux, fortunatament l-affarijiet instabu.


*L-istatwa artistika ta' San Ġużepp (injam).*

L-iktar knisja li għandha xogħlijiet ta' Abram żgur li hija l-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla. Ta' min isemmi d-disinji tal-biċċa l-kbira tal-ventartali tal-fidda, fosthom dak ta' San Mark li huwa kkunsidrat bħala l-Kapolavur tiegħu. Sbieħ ferm huma t-trieħi tal-bellus ta' l-altari; il-gastri tal-korsija; il-kandlieri tal-maġġur, l-arkata tal-fidda u l-purtiera tal-kwadru tal-kor, u l-messali kollha tal-fidda, u diversi affarijiet oħra, kollha ddisinjati minn Abram, fosthom il-biċċa l-kbira tad-dekorazzjoni tas-saqaf tal-Knisja u l-famuża mazza tal-Kapitlu.[14]

**Xogħlijiet oħra tiegħu**

Għandu xogħlijiet sbieħ ferm fil-Parroċċa ta' Ħaż Żebbuġ, ta' Ħal Luqa, ta' Ħal Qormi. u f'diversi parroċċi oħra. Il-pedestall tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, it-

tużell ta' Ħaż Żebbuġ u l-ventartal tal-Parroċċa tar-Rabat huma mill-aqwa xogħlijiet tiegħu. Sabiħ ferm huwa wkoll il-ventartal ta' San Ġużepp (ta' Ġieżu) tar-Rabat, li qam £583 u li żżanżan għall-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1906.[15]

Dan l-artist Bormliż kien veru ġenju, tant li l-fama tiegħu xterdet malajr ma' Malta kollha. Diversi knejjes huma mimlija b'opri tal-fidda u fl-injam maħdumin fuq id-disinn ta' Abram. Ta' min isemmi l-pedestall tal-fidda u l-bradella ta' Santa Marija ta' l-Imqabba; it-tnejn maħduma fuq id-disinn ta' Abram Gatt. Il-pedestall inħadem fl-1928 mid-Ditta 'ANTONIO GHEZZI E FIGLI' ta' Milan u qam £400, u l-esekuzzjoni fl-injam saret mis-Surmast Manwel Buhagiar ta' Ħal Tarxien. Il-bradella nħadmet ukoll minn Buhagiar fis-sena 1928 u swiet £200.[16]

**F'Għawdex**

Il-fama ta' Abram waslet ukoll f'Għawdex, fejn għandu diversi xogħlijiet stupendi. Il-famuż ventartal tal-Bażilika tax-Xagħra huwa wieħed mill-isbaħ opri tiegħu. Sar fl-1915 u qam £300. Id-disinn ta' dan il-ventartal reġà ġie esegwit b'mod tassew sabiħ u eżatt fl-irħam għall-parti ta' quddiem ta' l-altar maġġur ta' l-istess knisja.[17] Dan sar fi żmien l-Arċipriet Mikelanġ Cauchi fis-sena 1957 bil-flus miġbura mill-Kan. Manwel Sultana u Dun Salv Sultana. Il-Mazza tal-Kapitlu tax-Xagħra, li saret mill-ġbir minn Dun M'Anġ Xerri, u r-rakkmu tat-terħa ta' l-artal maġġur inħadmu fuq disinn ta' Abram Gatt.[18]

Fil-Bażilika ta' San Ġorġ għandu l-akkolti u l-karti tal-Glorja li saru mid-'DITTA GHEZZI' fis-sena 1913 bi flus Dun Franġisk Buhagiar u ħuh. Tiegħu huma il-kanopew, il-gwarniċ u żewġ ventartali rrakmati tal-Kor, kif ukoll il-kappa taċ-ċelebrant li tagħmel parti mill-apparat. Abram kien ħejja disinn għall-bradella ta' S. Ġorġ u għal erba' lanterni, iżda sfortunatament dawn baqgħu ma sarux. Xogħol ukoll ta' Abram huwa l-pulptu tal-Parroċċa ta' San Lawrenz, li nħadem mill-iskultur Bormliż Franġisk Camilleri li tiegħu ħa £92, waqt li Abram għad-disinn kien ħa biss £8.10s. Għamel ukoll disinji għall-armar ta' barra għall-festi tax-Xagħra, San Ġorġ u ta' San Lawrenz. It-trofej tal-pjazza tax-Xagħra u l-pedestall il-kbir li jintrama' fil-Pjazza tal-Parroċċa ta' San Lawrenz huma ta' Abram Gatt.[19]



*L-espressjoni fuq wiċċ il-Kurċifiss tal-vara l-kbira.*



*Is-Sur Armando Seychell V. Pres. iqiegħed il-fjuri f'riġlejn il-monument lil Abram Gatt fl-iskola.*

**Xogħol tal-Kartapesta**

Abram kien imħarreġ sewwa fix-xogħlijiet tal-kartapesta. Insibu tiegħu l-Veronika u Kristu Msallab tal-vara l-Kbira tal-Parroċċa ta' Bormla[20] u għadd ta' statwi kbar u żgħar li kienu jżejnu t-triqat ta' Bormla fil-festa tal-Kunċizzjoni; fosthom David, Mosè, il-Papa Piju IX, l-anġli taz-zuntier li kollha nqerdu fl-aħħar gwerra. F'ħafna parroċċi għandu xogħlijiet tassew sbieħ tal-kartapesta; ta' min isemmi ħafna statwi li jżejnu t-toroq tagħna fil-jiem tal-festi titulari; Abram kien ukoll pittur. Ftit għandna pittura tiegħu. Xogħol tiegħu hija l-pittura ta' Kristu Re fid-Domus Piju IX ta' Bormla. F'diversi djar privati jinsabu pitturi ta' Abram Gatt.

**Egħluq**

L-unika tifkira li għandna ta' dan il-Bormliż hija Triq f'Bormla li dan l-aħħar ġiet imsemmija Triq Abram Gatt. F'Bormla, belt twelidu diġà twaqqaf Kumitat biex isir Monument lil dan l-artist Bormliż; il-Kurja diġà tat il-permess tagħha biex ikun jista' jsir Bust tiegħu fis-sagristija tal-Parroċċa ta' Bormla. Nittamaw li dan il-monument ma jdumx ma jsir.

*Nota: Dan kien id-diskors li sar fl-okkażjoni li fiha l-iskola ta' Bighi ssemmiet għal Abram Gatt.*


# SILVIO HOUSEHOLD

## (Gauda)

Dealers in
Chandeliers, Silverware, Oil Paintings
and other sorts of Gifts.

Showroom Fgura

Shop 4, Block 8, Cospicua
Tel: 775783

**Referenzi**


[1] Liber Bapt. ta' Bormla Vol XVIII
[2] Tagħrif mogħti minn Maria Pisani, bint il-pittur Lazzaro.
[3] L.I.S. L-iskultur Abram Gatt, Kan. J. Bonello
[4] Tagħrif mogħti minn Charles Clews.
[5] Tagħrif mogħti mill-Ex-Arċipriet taż-Żurrieq il-Kan. Vince Balzan
[6] Liber Defunctorum Vol XVL ta' Bormla.
[7] Arkivju Kolleġġjata Cospicua Libro Legati Messe p. 346 Cabreo 550.
[8] Katalgu tad-Ditta Ant. Ghezzi & Figli ta' Milan p. 73... eseguita in lastra d'argento a 900/000 battuta e riccamente ornata di cesello, pietre e stelle... (altezza metri 1.65)
[9] Il-kuruna tal-mant ġiet irregalata mill-Kan. Też. Ant. Vella li wara laħaq Kappillan Ħal Luqa.
[10] Arkivju Kolleġġjata Bormla Minuti tal-Kapitlu. 1905.
[11] "Ħal Luqa" Dun Ġużepp Micallef pag. 265, 274, 275.
[12] "Is-Salib" tat-13 ta' Diċembru 1913.
[13] Minuti Fratellanza ta' San Ġużepp Bormla 1903.
[14] Arkivju Kolleġġjata - Cospicua Minuti Kapitlu, diversi paġni. Ta' min isemmi wkoll il-Mazza tal-Kapitlu (... in argento cesella eseguito per la Chiesa di S. M. Immac. in Cospicua-Malta. Araw il-Katalgu tad-Ditta Ghezzi paġ. 56 No. 341).
[15] Arkivju Frattellanza S. Ġużepp - Rabat.
[16] Programm tal-Festi - Mqabba 1986 p. 23 u p. 15
[17, 18 u 19] L.I.S. 11 ta' Mejju 1985 - Xogħlijiet esegwiti f'Għawdex fuq disinn ta' Abram Gatt minn Raymond Vella.
[20] Minuti Fratellanza Kurċifiss - Oratorju - Cospicua.
[21] Tagħrif mogħti mill-Presendent tad-Domus Piju IX il-Kan Gustav Barbara.



REEDS

Ghal kull tip ta' riceviment

REEDS Bar & Restaurant
Triq tal-Gardiel,
Marsascala. Tel. 684482

***kul ilka ġenwina f'ambjent tipiku Malti